MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 207/2004

Il-Pulizija
Vs
Hamido Abdel Hamid

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' Gunju, 2004 ghall-habta tas-2.05 p.m. fi Regional Road, Msida,:

1) saq vettura nru. IAG-139 b'manjiera perikoluza;
2) b'manjiera traskurata;
3) b'manjiera bla kont;
4) naqas li jobdi l-ordni legittima moghtija lilu minn PC 670 W. Sheldon persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixxkel lill-Pulizija waqt li kien qed jaghmel dmirijietu, jew b'xi mod iehor, bla jedd

indahal fi dmirijietu billi ma halliex lill-Pulizija jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista jaghmel;
5) kif ukoll ingurja u hedded lil PC 670 W. Sheldon persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;
6) u aktar fl-istess gurnata w cirkostanzi fl-Imsida, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika bl-ghajjat u glied;
7) waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura naqas li jaghmel sinjal u juza l-indikatur tat-traffiku tal-vettura meta kien sejjer ibiddel id-direzzjoni tieghu minn karreggjata ghall-ohra;
8) ingumbra l-passagg liberu ghal traffiku iehor jew persuni fit-triq bl-imsemmija vettura.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 t'Ottubru, 2004, li biha, wara li rat l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta w l-Artikolu 338 (dd)(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta w l-Artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u MVR 75 u 77, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu multa ta' mitt lira Maltin (LM100) fuq l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' w it-tmien akkuza w skwalifikatu mill-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tlett xhur filwaqt li lliberatu mill-hames, is-sitt u s-seba' akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-18 t'Ottubru, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonferma dik il-parti mill-imsemmija sentenza in kwantu l-appellant gie liberat mill-hames (5), is-sitt (6) u s-sebgha (7) akkuza huma komprizi fl-ewwel akkuza w ghalhekk tilliberah minnhom, tillibera lill-appellant mir-raba' (4) u t-tmien (8) akkuza dedotta kontra tieghu stante illi ma jirrizultawx filwaqt illi tikkonferma htija fir-rigward tal-ewwel (1) akkuza, tnaqqas il-piena nflitta fuq l-appellant mill-Ewwel Qorti w tikkoncedi lill-umi appellant zmien ghall-hlas tal-multa illi tigi nflitta minn din l-Onorabbli Qorti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe' :- 1. illi t-tieni w t-tielet akkuza huma komprizi fl-ewwel akkuza ta' sewqan perikoluz li hija l-izjed wahda serja ; 2. li r-raba' akkuza bl-ebda mod ma tirrizulta ; 3. li t-tmin akkuza ma tirrizultax ghaliex l-appellant f' ebda hin ma waqaf bil-vettura tieghu biex jostakola l-passagg liberu ta' vettura sal-mument illi ordnalu biex jieqaf il-pulizija; 4. il-piena hija eccessiva in vista tal-ewwel aggravju w ghandha tigi mitigata; 5 li, f' kull kaz, jitlob li f'kaz ta' konferma tas-sentenza appellata , l-appellant jinghata zmien ghall-hlas.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ;

Semghet ix-xhieda mill-gdid ;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-sentenza ghall-udjenza tal-lum;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet ta' sewqan b' manjiera traskurata w bla kont rispettivament, li taghhom l-appellant instab hati huma, komprizi fir-reat ta' sewqan perikoluz taht l-ewwel imputazzjoni li hu aktar serju.

Issa , kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta , jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' *"Degree"*. (App.Krim. **Pul. vs. Charles Bartolo** 14.3.59 **; Pul. vs. Wilson,** Vol. XXXIX p. 1018 **u Pul. vs. Alfred Vella,** Vol. XLIV ; p. 933) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. **Pul. vs. Hardingham** , 19.10.1963) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' *"recklessness"* (App. Krim. **Pul. vs. Charles Farrugia,** vol. XXXIX p. 1018.) "*Recklessness*" giet defenita bhala *"wilfully shutting one's eye* ".(App. Krim. **Pul. vs. Joseph Aquilina** , 20.4.1963) . Invece sewqan negligenti jew traskurat

ifisser nuqqas ta’ prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. **Pul. vs. Antonio Spiteri** , Vol. XLIV , p.892)

Ghalhekk dawn huma reati differenti li jistghu jissussistu separatament jew kumulattivament , pero’ meta dawn ir-reati jemergu mill-istess **fatt,** allura jsehh dak li fil-gurisprudenza nostrana jissejjah il-konkors formali jew ideali.( Appell Kriminali **“Camilleri vs. Cilia et.”** [2.12.1839] u ohrajn). Hu ormai principju stabilit li fejn l-istess fatt li johrog mill-istess intenzjoni kriminali, jikkaguna ksur ta’ diversi dispozizzjonijiet tal-ligi, ma jkunx hemm reati differenti imma jkun hemm reat wiehed bir-reat jew reati inqas serji jigu assorbiti fir-reat l-aktar serju. Issa peress li l-piena ghar-reat ta’ sewqan traskurat hija inqas minn dik ghar-reati ta’ sewqan perikoluz jew sewqan bi traskuragni kbira , ossia bla kont , f’ kaz ta’ konkors ideali tar-reati , l-hati jigi punit biss ghar-reat jew reati l-aktar gravi w l-htija ghas-sewqan traskurat tigi assorbita fir-reati aktar serji ta’ sewqan perikoluz u sewqan bla kont jew kif jissejjah fl-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 “bi traskuragni kbira”. S’intendi wkoll ,billi skond il-gurisprudenza fuq citata r-reat ta’ sewqan bi traskuragni kbira jew bla kont jitqies reat inqas gravi fil-gradwatorja ta’ sewqan hazin minn dak ta’ sewqan perikoluz, anki t-tielet imputazzjoni tkun assorbita fl-ewwel imputazzjoni. Sa hawn biss jista’ jintlaqa’ l-ewwel aggravju w mhux il-kaz li l-appellant jigi liberat mit-tieni w t-tielet imputazzjoni pero’.

Illi dwar it-tieni aggravju , rrizulta abbondantement li bil-mod li kien qed isuq u jirrallenta il-vettura tieghu f’ arterja principali , l-appellant kien qed johloq ostakolu ghall-“free flow of traffic” fuq din l-arteja li hija wahda mill-ftit f’ Malta fejn wiehed jista’ liberament isuq b’certa velocita. L-appellant invece beda jzomm speed baxx u f’ hin minnhom addirittura waqaf fuq is-*slow lane* biex ifixkel, idejjaq jew jivvessa lil utent iehor tat-triq Kevin Callus u, meta Callus ipprova johrog fuq il-*fast lane* , l-appellant ukoll hareg fuq dan il-*lane* u baqa’ jippersisti b’dat-tip ta’ sewqan ostruzzjonista. L-ispjegazzjoni li ta l-appellant hija kontrastata mill-versjoni ta’ PC Sheldon u ta’ Callus u din il-Qorti ma tarax li l-Ewwel Qorti kellha xi raguni impellanti

biex tiskarta ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u taccetta dik tal-appellant . Ghalhekk ir-reat taht it-tmin imputazzjoni jirrizulta pruvat. Biex jissussisti dar-reat ma hemmx ghalfejn li wiehed jieqaf, jipparkja jew johrog mill-karozza tieghu . Bizzejjed li jsuq b'velocita' baxxa tali li jkun qed jingombra l-*"free flow of traffic"* meta ma jkollu ebda raguni plawsibbli biex jaghmel dan.

Illi dwar it-tielet aggravju il-Qorti hija sodisfatta li meta l-appellant gie ordnat li jieqaf minn PC 670 Walter Sheldon, huwa naqas li jaghmel dan mill-ewwel u ghalkemm hu kien isuq bi speed baxx hafna ha xi ghoxrin metru biex waqaf u dana wara li kellu jissikkah biex jieqaf il-Pulizija. Anki hawn dan in-nuqqas tieghu jammonta ghar-reat kontemplat taht ir-raba imputazzjoni. Il-versjoni li ta l-appellant hija kontradetta minn PC Sheldon u ma tidhirx attendibbli .Ghalhekk anki dan l-aggravju huwa infondat.

Illi kwantu ghall-piena , stante li din hija wahda kumulattiva ghar-reati l-ohra kollha li taghhom instab hati l-appellant u meta wiehed iqis li anki jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni biss ir-reat ta' sewqan perikoluz, il-piena kienet taqa' taht il-parametri tal-ligi ghal dak ir-reat wahdu , ma jidhirx li hemm lok ghal xi temperament .

Dwar iz-zmien ghal-hlas , dan seta' anki ma sarx b' appell imma b'semplici talba lill-Ewwel Qorti wara li nghatat is-sentenza appellata. Pero', ladarba qed isir f' dan l-istadju , din il-Qorti tilqa' l-istess talba .

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament u tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha fl-intier taghha dwar il-mertu w l-piena nflitta, tirriformaha biss in kwantu zzid li t-tieni w t-tielet imputazzjoni huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni w billi takkorda lill-appellant li jhallas il-multa fuqu nflitta f' erba pagamenti rateali ta' LM25 il-wahda , l-ewwel skadenza fl-1 ta' Jannar, 2005, u b'dana li jekk hu jonqos li jhallas puntwalment anki skadenza wahda, l-ammont kollu bilancjali isir dovut u esegibbli minnufieh u jekk ma jithallasx minnufieh , awtomatikament jigi konvertit f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi. Il-periodu tas-

sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan ghal zmien tlitt xhur jibda mil-lejla f' nofs il-lejl.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------